

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 859/2007**ta' l-20 ta' Lulju 2007****li jemenda għat-82 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-proj-bizzjoni ta' titjiriet u jestendi s-sekwestru ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skond dak ir-Regolament.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom għandu japplika s-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Eneko LANDÁBURU

Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni

⁽¹⁾ ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 844/2007 tal-Kummissjoni (ĠU L 186, 18.7.2007, p. 24).

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-annotazzjoni "Agha, Abdul Rahman (Prim Imhalled tal-Qorti Militari)." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Abdul Rahman **Agha**. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Prim Imhalled tal-Qorti Militari tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1958. Post tat-twelid: id-distrett ta' Arghandab, fil-provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (2) L-annotazzjoni "Agha, Saed M. Azim, Maulavi (Dipartiment tal-Passporti u l-Viżi)." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Sayed Mohammad Azim **Agha**. (magħruf ukoll bħala (a) Sayed Mohammad Azim Agha, (b) Agha Saheb). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Impjegat mad-Dipartiment tal-Passporti u l-Viżi tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1966. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (3) L-annotazzjoni "Hamidullah, Mullah, Kap ta' Ariana Afghan Airlines" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Hamidullah **Akhund**. Titolu: Mullah. Funzjoni: Kap ta' Ariana Afghan Airlines taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1968. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (4) L-annotazzjoni "Mohammad **Hassan**. Titolu: (a) Mullah, (b) Hadji. Data tat-twelid: bejn wieħed u ieħor l-1958. Post tat-twelid: Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan. Informazzjoni oħra: (a) Prim Viċi-President tal-Kunsill tal-Ministri (ir-reġim Taliban), (b) mill-fazzjoni ta' Malwhavi Khaalis, waħda mis-seba' fazzjonijiet tal-Ġiħad kontra s-Sovjetiċi, (c) gradwat minn madrassa fi Queta, il-Pakistan, (d) kollaboratur qrib ta' Mullah Omar." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Mohammad Hassan **Akhund**. Titolu: (a) Mullah, (b) Haji. Funzjoni: (a) Prim Viċi-President tal-Kunsill tal-Ministri tar-reġim Taliban, (b) Ministru ta' l-Affarijiet Barranin qabel Wakil Ahmad Mutawakil taħt ir-reġim Taliban, (c) Gvernatur ta' Kandahar taħt ir-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1958. Post tat-twelid: Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan. Informazzjoni oħra: (a) mill-fazzjoni tal-Malwhavi Khaalis, waħda mis-seba' fazzjonijiet tal-Ġiħad kontra s-Sovjetiċi, (b) gradwat minn madrassa fi Quetta, il-Pakistan, (c) kollaboratur qrib ta' Mullah Omar."

- (5) L-annotazzjoni "Anwari, Mohammad Tahre, Mullah (Affarijiet Amministrattivi)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Muhammad Taher **Anwari** (magħruf bħala (a) Mohammad Taher Anwari, (b) Haji Mudir). Titolu: Mullah. Funzjoni: Direttur ta' l-Affarijiet Amministrattivi tar-reġim Taliban, (b) Ministru tal-Finanzi tat-Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1961. Post tat-twelid: id-distrett ta' Zurmat, fil-provinċja ta' Paktja, l-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (6) L-annotazzjoni "Faiz, Maulavi (Dipartiment ta' l-Infurmazzjoni, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin)." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Faiz. Titolu: Maulavi. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment ta' l-Infurmazzjoni, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1969. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Ghazni fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (7) L-annotazzjoni "Hanif, Qari Din Mohammad (Ministru ta' l-Ippjanar)." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Din Mohammad **Hanif** (magħruf bħala Qari Din Mohammad). Titolu: Qari. Funzjoni: (a) Ministru ta' l-Ippjanar tar-reġim Taliban, (b) Ministru ta' l-Edukazzjoni Għolja tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1955. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Badakhshan fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (8) L-annotazzjoni "Hottak, Abdul Rahman Ahmad, Maulavi (Deputat Ministru (Kulturali) ta' l-Infurmazzjoni u l-Kultura)" taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi sostitwita b':

"Abdul Rahman Ahmad **Hottak** (magħruf bħala Hottak Sahib). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru (Kulturali) ta' l-Infurmazzjoni u l-Kultura tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1957. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Ghazni fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan."

- (9) L-annotazzjoni “Jalal, Noor, Maulavi (Deputat Ministru (Amministrattiv) ta' l-Affarijiet Interni).” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b':

“Noor **Jalal** (magħruf bħala Nur Jalal). Titolu: Maulavi. Funzjoni: Deputat Ministru (Amministrattiv) ta' l-Affarijiet Interni tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1960. Post tat-twelid: Il-provinċja ta' Kunar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan.”

- (10) L-annotazzjoni “Motasem, Abdul Wasay Aghajan, Mullah (Ministru tal-Finanzi).” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b':

“Abdul Wasay Agha Jan **Motasem** (magħruf bħala Mutasim Aga Jan). Titolu: Mullah. Funzjoni: Ministru tal-Finanzi tar-reġim Taliban. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1968. Post tat-twelid: Il-belt ta' Kandahar fl-Afganistan. Nazzjonalità: Afgan.”

- (11) L-annotazzjoni “Naim, Mohammad, Mullah (Deputat Ministru ta' l-Avjazzjoni Ċivili).” taħt l-intestatura “Persuni naturali” għandha tiġi sostitwita b':

“Mohammad **Naim** (magħruf bħala Mullah Naeem). Titolu: Mullah. Funzjoni: Deputat Ministru ta' l-Avjazzjoni Ċivili tar-reġim Taliban. Nazzjonalità: Afgan.”
